

Brussell, 6 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

13451/25

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0232 (COD)

ENV 929
CLIMA 388
AGRI 457
FORETS 80
RECH 418
TRANS 426
CODEC 1413

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Settembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 596 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li tikkonċerna l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Direttiva dwar il-Monitoraġġ u r-Reżiljenza tal-Ħamrija (Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 596 final.

Mehmuż: COM(2025) 596 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.9.2025
COM(2025) 596 final

2023/0232 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

li tikkonċerna

**l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Direttiva dwar il-Monitoraġġ u r-Reżiljenza
tal-Ħamrija (Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija)**

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW**skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea****li tikkonċerna****l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Direttiva dwar il-Monitoraġġ u r-Reżiljenza tal-Ħamrija (Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija)****1. SFOND**

Data li fiha ntbagħtet il-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (id-dokument COM(2023) 416 final – 2023/0232 COD):	il-5 ta' Lulju 2023.
Data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew:	il-25 ta' Ottubru 2023.
Data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, fl-ewwel qari:	l-10 ta' April 2024.
Data li fiha ntbagħtet il-proposta emendata:	Mhux applikabbli.
Data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill:	29 ta' Settembru 2025.

2. OBIETTIV TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

L-oġġettiv tal-proposta huwa li jiġi stabbilit qafas ta' monitoraġġ tal-ħamrija solidu u koerenti għall-ħamrija kollha madwar l-UE u li tittejjeb kontinwament is-saħħa tal-ħamrija fl-Unjoni bil-ħsieb li tinkiseb ħamrija b'saħħitha sal-2050 u li l-ħamrija tinżamm f'kundizzjoni b'saħħitha, sabiex tkun tista' tipprovdi servizzi tal-ekosistema multipli fuq skala suffiċjenti biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ambjentali, soċjetali u ekonomiċi, jiġu evitati u jittaffew l-impatti tat-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità, tiżdied ir-reżiljenza kontra d-diżastri naturali u għas-sigurtà tal-ikel u li l-kontaminazzjoni tal-ħamrija titnaqqas għal livelli li ma għadhomx meqjusa ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent.

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

Il-pożizzjoni tal-Kunsill kif adottata fl-ewwel qari tirrifletti bis-sħiħ il-qbil politiku li ntlaħaq bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill fl-10 ta' April 2025. Il-Kummissjoni tappoġġa dan il-qbil, li l-punti ewlenin tiegħu huma stabbiliti hawn taħt.

- Monitoraġġ tas-saħħa tal-ħamrija: il-koleġiżlaturi qablu li jibnu fuq il-proposta tal-Kummissjoni billi jintroduċu metodoloġiji analitiċi u tal-kampjunar komuni, lista komuni ta' deskritturi tas-saħħa tal-ħamrija u kriterji għal ħamrija b'saħħitha. Huma qablu li jmorru lil hinn mill-proposta tal-Kummissjoni billi jirrikjedu l-monitoraġġ ta' kontaminanti tal-ħamrija addizzjonali (PFAS, il-pestiċidi u l-metaboliti tagħhom) u deskrittur komuni aktar esiġenti tal-bijodiversità tal-ħamrija. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-għadd ta' punti li fihom jiġu mmonitorjati dawn il-kontaminanti u

d-deskrittur tal-bijodiversità tal-ħamrija. Dan il-kompromess iżid il-valur tal-monitoraġġ tal-ħamrija filwaqt li jżomm il-kosteffiċjenza u jżomm il-piż baxx.

- Valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija: il-koleġiżlaturi qablu li jistabbilixxu valuri fil-mira sostenibbli mhux vinkolanti, li jirriflettu l-oġettiv ta' aspirazzjoni fit-tul tad-Direttiva li jkun hemm ħamrija b'saħħitha sal-2050, u l-valuri ta' skattar operazzjonali li jiddeterminaw meta jkun meħtieġ appoġġ mill-Istati Membri, li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri. Il-kompromess iżomm bilanċ tajjeb bejn l-oġettiv fit-tul ta' ħamrija b'saħħitha u l-ħtieġa li tingħata prijorità lill-miżuri fuq terminu qasir u medju biex tittejjeb is-saħħa tal-ħamrija.
- Reżiljenza tal-ħamrija: il-koleġiżlaturi qablu li jitbiegħdu mill-kunċett ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija lejn appoġġ għas-saħħa u r-reżiljenza tal-ħamrija. Huma qablu li jneħħu d-dispożizzjonijiet li jistgħu jimplikaw obbligi li l-Istati Membri jistgħu jgħaddu fuq il-manigġers tal-ħamrija, u li jħassru l-anness li jelenka l-prinċipji ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija. Inżammet rabta bejn il-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija u l-appoġġ għar-reżiljenza tal-ħamrija abbażi tal-kunċett ta' valuri ta' skattar operazzjonali. Dan il-kompromess iżomm ir-rekwiżiti li jippermettu li tinbeda t-tranżizzjoni lejn ħamrija b'saħħitha, u li tiżdied ir-reżiljenza tal-ħamrija b'mod ġenerali.
- Prinċipji biex jittaffew l-impatti tat-teħid tal-art: il-koleġiżlaturi qablu li jaqilbu l-enfasi mill-forom kollha tat-teħid tal-art għall-aktar tipi viżibbli u ta' impatt ta' teħid tal-art, issiġillar tal-ħamrija u tneħħija tal-ħamrija biss, li huma wkoll l-eħfef biex jiġu mmonitorjati, inkluż mill-bogħod. Il-koleġiżlaturi ċċaraw ukoll li dawn id-dispożizzjonijiet huma bbażati fuq l-isforz, ma jkollhomx impatt fuq il-kompetenza nazzjonali fuq l-ippjanar spazjali, ma jirrikjedux proċeduri ġodda għall-għoti ta' permessi u jenħtieġ li ma jipprevjenux l-għoti ta' permessi għal attivitajiet ġodda. Dawn id-dispożizzjonijiet jiċċaraw il-marġni ta' flessibbiltà li għandhom l-Istati Membri meta jimplimentaw dawn il-prinċipji ta' mitigazzjoni.
- Skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tad-Direttiva: il-koleġiżlaturi qablu li jestendu l-iskadenzi għal diversi obbligi. Dawn l-estensjonijiet jipprovdu biżżejjed żmien biex jiġu implimentati l-obbligi tad-Direttiva u biex tittaffa l-intensità tal-piż amministrattiv u finanzjarju permezz ta' approċċ ta' implimentazzjoni gradwali.
- Appoġġ mill-Kummissjoni: il-koleġiżlaturi rrikjedew li l-Kummissjoni tipprovdi appoġġ, assistenza u bini tal-kapaċitajiet lill-Istati Membri. B'mod partikolari, huma talbu lill-Kummissjoni tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri, fi żmien skadenzi qosra ħafna, biex jittrasponu u jimplimentaw bosta dispożizzjonijiet tad-Direttiva billi jipprovdu dokumenti u għodod xjentifiċi mhux vinkolanti. L-appoġġ mill-Kummissjoni se jgħin fl-implimentazzjoni tad-Direttiva. Madankollu, il-Kummissjoni tenfasizza li dan jeħtieġ riżorsi umani u finanzjarji sinifikanti.

4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni tappoġġa r-riżultati tan-negożjati interistituzzjonali u għalhekk tista' taċċetta l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari.